**7 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

***Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D.,* President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Tabone

*versus*

Joseph Flavia sive De Flavia

**Spoll — Azzjonijiet Possessorji — Manutenzjoni u Reintegrazzjoni — Azzjoni — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 572 u 571 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 135 tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa prinċipju ġenerali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri; u dan hu veru partikularment f'materja ta' azzjoni possessorja.*

*Però jista' jagħti l-każ li mit-termini taċ-ċitazzjoni ma jkunx jista' faċilment jingħad malajr l-ema hi l-azzjoni verament intentata mill-attur; u jista' jkun ukoll li dan ikun sar deliberatament, bil-ħsieb li b'dan il-mod l-attur jiġi li qiegħed jeżerċita l-azzjoni ta' manutenzjoni u dik ta' reintegrazzjoni flimkien.*

*Imma dan ma hux permess; għax dawn iż-żewġ azzjonijiet, għad li għandhom ħafna punti ta' kontatt bejniethom, huma assolutament distinti fin-natura u l-iskop tagħhom, u huma mmexxijin minn regoli ta' proċedura diversi. Dawn iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jiġu eżerċitati konfużament u flimkien b'domanda waħda. Dan hu kuntrarju, mhux biss għall-prinċipji fuq imfissra, żda wkoll għad-dispost espress tal-Liġi tal-Proċedura li jeżiġi li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha mfissrin ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba.*

*Jekk b'dan kollu l-Qorti tirritjeni li l-azzjoni eżerċitata hija dik ta' spoll, u l-attur ma jippruvax li hu ntenta dik l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn preskritt mill-liġi, l-azzjoni taqa' mħabba nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti essenzjali tagħha, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra, dak ċjoè tal-pussess jew detenzjoni, anki biss bħala fatt, u dak tat-turbattiva li timmerita l-protezzjoni tal-azzjoni possessorja.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-kontendenti jokkupaw partijiet separati tad-dar 15 Granaries Square, il-Furjana, u għandhom id-dritt jużaw it-tnejn partijiet oħra tal-istess dar li jservu għall-użu komuni; u illi minn żmien l-hawn, u anki taħt xahrejn, il-konvenut poġġa mobbli u oġġetti oħrajn fil-passaġġ intiż għall-użu bejn il-kontendenti, li jiġi mmedjatament wara l-entrata tal-istess dar, b'mod li qiegħed

jipprivah mid-dritt li dan għandu li juża l-istess passaġġ, u hekk ikkommetta spoll u molestja għad-dannu tiegħu; jitlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jsiru l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat li jneħħi mill-imsemmi passaġġ jew ambjent il-mobbli jew oġġetti li l-istess konvenut poġġa fih, biex hekk iħallilu dak l-użu tiegħu li dan dejjem kellu, u jirreintegrah fl-istess użu, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat; billi, jekk dan iż-żmien jgħaddi inutilment, huwa jkun awtorizzat li jagħmel l-opportun għal dan l-oġġett a spejjeż tal-konvenut, taħt il-provvedimenti li l-Qorti tirritjeni xierqa. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Mejju 1957, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Diċembru 1957, li biha ġiet miċħuda t-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal tal-14 ta' Frar 1958 (fol. 76), l-appellant iddikjara li l-mobbli u oġġetti li kien poġġa l-konvenut u li taw lok għall-azzjoni preżenti, kienu tneħħew, u għalhekk irrikonoxxa li ma hemmx aktar lok għal deċiżjoni minn din il-Qorti fuq il-meritu. Il-kwistjoni hi biss dwar l-ispejjeż;

Huwa ċar, però, li biex jiġu deċiżi l-ispejjeż, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-attur kellux dritt u raġun jagħmel din il-kawża;

**Ikkunsidrat;**

Dwar ix-xorta tal-azzjoni esperita mill-attur, l-Ewwel Qorti rriteniet illi din kienet dik ta' spoll reċenti taħt l-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 E.R.). Mill-banda l-oħra, l-attur fil-petizzjoni tal-appell, u fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ippretenda illi hu eżerċita mhux biss "dik" l-azzjoni, iżda "wkoll", fl-istess ħin, l-azzjoni possessorja l-oħra ta' manutenzjoni taħt l-art. 571;

Huwa prinċipju ġenerali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri. A propożitu, partikolarment ta' dawn l-azzjonijiet possessorji, intqal fil-ġurisprudenza taljana, interpretativa ta' dispożizzjonijiet simili fis-sustanza għal dawk tal-liġi taljana, illi "la natura dell'azione possessoria proposta deve desumersi dal tenore del libello, non dalle frasi usate nelle posteriori comparse" (Coen, Azione Possessoria, no. 64). Intqal ukoll:— "Per conoscere se l'azione intentata sia di manutenzione o non piuttosto di reintegrazione in possesso, conviene esaminare la natura dei fatti esposti nella citazione e ciò che l'attore ha domandato" (ibid.);

B'dana kollu, meta wieħed iħares lejn iċ-ċitazzjoni fil-każ preżenti, isib li mhux faċili tgħid malajr liema hi l-azzjoni tassew intentata mill-attur; u dan peress li huwa uża termini li jagħtu lok għal dubju. Hekk, per eżempju, għad li semma l-kelma "spoll", uża wkoll warajha l-kelma "molestja". Terġa, għad li talab li l-konvenut "jirreintegrah" fl-użu li hu jippretendi, talab ukoll li l-konvenut "iħallilu", ċjoè jimmantenieh f'dak l-użu. Kwantu, mbgħad, għażżmien, iċ-ċitazzjoni tallega illi l-ingombru mill-konvenut sar "minn żmien l-hawn u anki taħt xahrejn";

Issa, jidher minn dak li hemm fil-petizzjoni, u li qal l-attur quddiem din il-Qorti, li dan hu għamlu deliberatament, bil-ħsieb li b'dan il-mod jeżerċita ż-żewġ azzjonijiet flimkien. Iżda dan ma jistgħax ikun. Dawn iż-żewġ azzjonijiet għad li għandhom ħafna punti ta' kontatt bejniet-

hom, huma essenzjalment distinti fin-natura u l-iskop tagħhom, u huma mmexxijin minn regoli ta' proċedura diversi;

Fil-ġurisprudenza taljana, ġie diversi drabi deċiż illi "l'azione di manutenzione in possesso è incompatibile con quella di spoglio" (op. ċit., loc. ċit., no. 76); u li, "essendo le due azioni "reintegrandae" e "manutenendae possessionis" istituti diversi di indole, di scopo e di rito, non è regolare in proporle in giudizio simultaneamente, tuttocchè in modo sussidiario" (no. 56);

Kontra dawn hemm sentenzi oħrajn li jgħidu illi ż-żewġ azzjonijiet jistgħu jiġu proposti kontemporaneament, il-waħda sussidjarja għall-oħra, fi-istess ġudizzju (ibid. nri. 73, 75);

Ankorkè, però, kellha tiġi aċċettata din l-aħħar opinjoni, huwa żgur li din ma tilleġittimax dak li jippretendi l-attur li għamel fil-każ preżenti, ċjoè li eżerċita "konfużament" iż-żewġ azzjonijiet "flimkien" b'domanda "waħda". Dan ma hux biss kuntrarju għal dak li għadu kemm intqal, iżda wkoll kuntrarju għad-dispost espress tal-art. 135 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 E.R.), li jeżiġi illi ċ-ċitazzjoni "għandu jkun fiha mfisser ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba". Jekk dan hu dejjem neċessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'ċertezza dak li għandu jiddefendi ruħu minnu, huwa aktar essenzjali fil-każ ta' dawn l-azzjonijiet, peress illi fil-każ wieħed ix-xorta tal-azzjoni ġġib magħha għall-konvenut limitazzjonijiet serji għall-eċċezzjonijiet li hu jista' jopponi;

Quddiem l-Ewwel Qorti, din il-kawża tidher li ġiet dibattuta u diskussa fuq il-bażi li l-azzjoni kienet dik ta' spoll, bir-restrizzjonijiet proċedurali li dan kien ifisser għall-konvenut. Apparti dan, però, din il-Qorti tħoss li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata, fid-dubju kreat mill-istess attur u fuq iċ-ċitazzjoni kif proposta, tirritjeni li l-azzjoni esperita minnu kienet dik ta' spoll;

Stabbilit dan, din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti illi l-azzjoni tal-attur ma setgħetx isseħħ. Apparti minn kull raġuni oħra, l-azzjoni ma ġietx intentata fiż-żmien ta' xahrejn stabbilit mill-liġi. Peress illi dan it-terminu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni, kien jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur. Dana, l-attur ma ppruvahx. Irriżulta li l-mobbli tal-konvenut, li dwarhom ilmenta l-attur, ilhom fl-ambjent in kwistjoni snin sħaħ......;

Ġa ladarba jonqos dan ir-rekwiżit tal-azzjoni istitwita mill-attur, ma hemmx bżonn li jiġi nvestigat jekk fil-każ kienux jikkonkorru r-rekwiżiti l-oħra, u partikolarment jekk jistgħax jingħad li l-attur kellu l-pussess jew detenzjoni, anki biss bħala fatt, tal-ambjenti in kwistjoni, u jekk l-atti tal-konvenut kienux jikkostitwixxu dik it-turbativa li timmerita skond il-liġi l-protezzjoni tal-azzjoni possessorja;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk mogħtijin fis-sentenza appellata, safejn kompatibbli, din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell, billi tiddikjara li ma hemmx lok tippronunzja ruħha fuq il-meritu, u fuq l-ispejjeż tiddeċidi li għandhom jitħallsu kollha mill-attur.